MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 665/2010

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**vs**

**Rosalie Darmanin (KI Nru 350756M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Public Broadcasting Services Ltd (C13140) datat 2 ta' Lulju 2010 fejn bil-gurament tieghu Edmund Tabone (KI Nru. 625957(M)), *Manager Corporate Services,* debitament awtorizzat sabiex jirrapprezenta l-istess jikkonferma:-

Illi l-intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u tletin elf mija erbgha u disghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€33,194.76) rapprezentanti bilanc fuq

somma akbar ta’ valur ta’ servizzi ta’ reklamar rezi lilha fuq il-mezzi taghha tax-xandir.

Illi ghalkemm l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dak l-ammont, din baqghet inadempjenti.

Illi l-ammont fuq indikat huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimata m’ghandhiex eccezzjonijiet li tista’ tressaq ghat-talba li qed issirilha u dan skont l-affidavit anness u mmarkat Dok. “PBS 1”.

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi *a tenur* tal-**artikolu 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Taqta’ u tiddeciedi skont it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skont l-**artikoli 167** sa **170 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili**.

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ tlieta u tletin elf mija erbgha u disghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€33,194.76) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar ta’ valur ta’ servizzi ta’ reklamar rezi lilha fuq il-mezzi taghha tax-xandir.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura, flimkien ma’ dawk tal-ittra nterpellatorja tal-5 ta’ Lulju 2008, u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumacja.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimata tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------